MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 762/2005

**Brands International Ltd.**

**vs**

**Andrew u Doreen konjugi Mifsud**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 t’April 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu ikkundannati ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin (Lm528.00) rapprezentanti import ta’ *cheque* bin-numru 555 li ma giex onorat mill-bank.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 15 ta’ Marzu 2005 u bl-imghax legali mit-13 ta’ Lulju 2004 kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija tmienja u ghoxrin Liri Maltin (Lm528.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------